

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Titolu Eżekuttiv Ewropew](#) > [Latvia](#)

Titolu eżekuttiv ewropew

Latvja

Latvja

SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

1. Proċeduri għall-korrezzjoni u l-irtirar (Art. 10(2))

Fir-rigward tal-informazzjoni dwar ir-regoli stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali li jimplimentaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 10(2) tar-Regolament u li jistabbilixxu l-proċedura għar-rettifika jew l-irtirar ta' Ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar, l-awtoritajiet Latviani jindikaw li l-miżuri ta' implimentazzjoni tal-Artikolu 19(2) ġew inkorporati fl-Artikoli 543.¹ u 545.¹ tal-[tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili](#) tal-Latvja.

2. Proċeduri għar-reviżjoni (Art.19 (1))

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 19(1) tar-Regolament, ma ġiet inkorporata l-ebda regola addizzjonali fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, peress li fil-Latvja dawn ir-regoli huma koperti mid-dispożizzjonijiet tal-[Liġi dwar il-Proċedura Ċivili](#).

“Artikolu 51. Ir-riistituzzjoni tat-termini proċedurali

(1) Fuq talba minn parti fil-proċedimenti, il-qorti għandha terġa' ddaħħal fis-seħħ it-termini proċedurali li jkunu nqabżu jekk tikkonstata li r-raġunijiet li waslu biex jinqabżu jkunu ġustifikati.

(2) Meta terġa' ddaħħal fis-seħħ terminu proċedurali li jkun inqabeż, il-qorti għandha tippermetti wkoll li titwettagħ l-azzjoni proċedurali posposta.

Artikolu 52. Estensjoni tat-termini proċedurali

It-termini stipulati minn qorti jew minn imħallef jistgħu jiġu estiżi fuq talba minn parti fil-proċedimenti.

Artikolu 53 Proċedura għall-estensjoni jew għar-riistituzzjoni tat-termini proċedurali

(1) Talba għall-estensjoni jew għar-riistituzzjoni ta' terminu li jkun inqabeż għandha tiġi ppreżentata lill-qorti li fiha kellha titwettagħ l-azzjoni posposta, u t-talba għandha tiġi eżaminata permezz ta' proċedura bil-miktub. Qabel ma t-talba permezz ta' proċedura bil-miktub tiġi eżaminata, il-partijiet fil-proċedimenti għandhom ikunu nnotifikati biha u għandha tintbagħtilhom kopja tat-talba għall-estensjoni ta' terminu jew għar-riistituzzjoni ta' terminu li jkun inqabeż.

(2) Talba għal riistituzzjoni ta' terminu proċedurali għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-azzjoni proċedurali, u r-raġunijiet għar-riistituzzjoni tat-terminu.

(3) Terminu stabbilit minn imħallef jista' jiġi estiż minn imħallef uniku.

(4) Tista' ssir talba anċillari fir-rigward ta' każda minn qorti jew imħallef li jestendi jew jerġa' jdaħħal fis-seħħ terminu."

3. Lingwi aċċettati (Art. 20(2)(c))

F'konformità mal-Artikolu 20(2)(c) tar-Regolament, il-Latvja tindika l-Latvjan bħala l-lingwa aċċettata biex tirċievi u toħroġ Ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar.

4. Awtoritajiet nominati biex jiċċertifikaw id-dokumenti awtentiċi (Art. 25)

L-Artikolu 107.¹¹(3) tal-[Liġi dwar in-nutara](#):

Fuq talba tar-rikorrent, nutar ġuramentat għandu joħroġ, abbażi tar-Regolament (KE) Nru 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet mhux kontestati (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-Regolament Nru 805/2004) u l-Artikolu 25(1) tiegħu, Ordni Ewropew ta' Infurzar (l-Anness III tar-Regolament Nru 805/2004) għall-atti notarili tal-eżekuzzjoni maħruġa.

■ L-aħħar aġġornament: 25/06/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhix fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.